KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

**Minuti ta' Laqgħa tas-Sitt ( 6 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar msejħa b'Urġenza li nżammet nhar it-Tlieta 21 ta' Gunju, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fis-6.30 ta' filgħaxija**

Il-Laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 6.30 p.m. | 7.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 6.30 p.m. | 7.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | 6.30p.m | 7.30p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 6.30p.m. | 7.30p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 6.30 p.m. | 7.30p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 6.30 p.m. | 7.30p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 6.30 p.m. | 7.30p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 6.30 p.m. | 7.30p.m. |

Il-Laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija bi tmien ( 8 ) membri preżenti.

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Diskussjoni dwar *Management Letter* għas-sena fiskali li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 u r-risposta għaliha.**

1.01 Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, fetħet il-Laqgħa billi spjegat li din il-Laqgħa ġiet imsejħa b'urġenza biex tiġi diskussa l-*Management Letter* u r-risposta għaliha għas-sena fiskali li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2011 u għalhekk talbet is-sospensjoni tal-Laqgħa sabiex is-Sinjura Romina Perici Ferrante, l-*accountant* tal-Kunsill, tkun tista' tagħti spjega.

1.02 Ġie approvat unanimament li l-Laqgħa tiġi sospiża u s-Sinjura Perici Ferrante ġiet mistiedna tispjega l-*Management Letter*. L-*Items* fuq l-ittra ġew spjegati waħda waħda lill-Kunsilliera. Is-Sinjura Perici Ferrante irrispondiet għal xi mistoqsijiet li għamlu l-Kunsilliera.

1.03 Meta l-laqgħa kompliet, is-Sindku poġġiet il-mozzjoni sabiex tiġi approvata r-risposta tal-*Management Letter* kif ippreżentata. Il-Mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku John Bray. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, u s-Segretarju Eżekuttiv, John J. Camilleri, iffirmaw ir-risposta tal-*Management Letter* biex tintbagħat lill-awdituri ( kopja annessa ).

1.04 Il-Kunsill iddeċieda li dwar fejn l-awdituri kkummentaw dwar *software*, il-Kunsill għandu jaħdem sabiex jara jekk huwiex possibli li jkollu pakkett ta' *software* komplut li jaqdi l-ħtiġijiet kollha tal-Kunsill.

**2.00 L-*Allowance* tal-Kunsilliera mill-01 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011**

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv, John J. Camilleri, ippreżenta kopji bil-miktub tar-raġunijiet tal-Kunsilliera li kienu assenti għall-laqgħat li saru mill-01 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Gunju 2011. Dawn ir-raġunijiet ġew aċċettati unanimament mill-Kunsill bħala validi u l-Kunsill iddeċieda li l-*Allowance* tingħata *in full* lil kull Kunsillier.

**3.00 Egħluq tal-Laqgħa**

3.01 Il-Laqgħa spiċċat fis-07.30 ta' fil-għaxija

Perit Graziella Galea
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

20 ta' Lulju 2011

ref. 55/6165/11/0SG